

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-6 ta' Ottubru 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunalul Sibiu– ir-Rumanija) – Dragoș Constantin Târșia vs Statul român, Serviciul public comunitar reġim permise de conducere și înmatriculare a autovehiculelor

(Kawża C-69/14) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività — Awtorità ta' res judicata — Irkupru tal - ammonti mħallsa indebitament — Ħlas lura ta' taxxi miġbura minn Stat Membru bi ksur tad-dritt tal-Unjoni — Deċiżjoni ġudizzjarja finali li timponi l-ħlas ta' taxxa li hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni — Talba għar-reviżjoni ta' tali deċiżjoni ġudizzjarja — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti r-reviżjoni, fid-dawl ta' deċiżjonijiet preliminari sussegwenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji finali mogħtija fi proċeduri amministrattivi biss)

(2015/C 389/06)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Tribunalul Sibiu

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Dragoș Constantin Târșia

Konvenuti: Statul român, Serviciul public comunitar reġim permise de conducere și înmatriculare a autovehiculelor

Dispożittiv

Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, li qorti nazzjonali ma jkollhiex il-possibbiltà li tirrevedi deċiżjoni ġudizzjarja finali mogħtija fil-kuntest ta' rikors ta' natura ċivili, meta din id-deċiżjoni tkun inkompatibbli ma' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea wara d-data li fiha l-imsemmija deċiżjoni tkun saret finali, minkejja li tali possibbiltà teżisti fir-rigward tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji finali li huma inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni mogħtija fil-kuntest ta' rikors ta' natura amministrattiva.

⁽¹⁾ ĠU C 142, 12.5.2014.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-6 ta' Ottubru 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-First-tier Tribunal (Information Rights) – ir-Renju Unit) – East Sussex Country Council vs Information Commissioner

(Kawża C-71/14) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Konvenzjoni ta' Aarhus — Direttiva 2003/4/KE — Artikoli 5 u 6 — Aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni fi kwistjonijiet ambjentali — Tariffa għall-provvista ta' informazzjoni ambjentali — Kunċett ta' "ammont raġonevoli" — Spejjeż għaż-żamma ta' database u spejjeż ġenerali — Aċċess għall-ġustizzja — Stħarriġ amministrattiv u ġudizzjarju tad-deċiżjoni li timponi tariffa)

(2015/C 389/07)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

First-tier Tribunal (Information Rights)